# Studju tal-Każ 1 – Il-liġi tal-familja – Id-divorzju – Il-Belġju

Kumment preliminari importanti: L-ispejjeż u t-tariffi tal-avukati ma humiex irregolati fil-Belġju (jiddependu mid-diffikultà u s-sinifikat tal-każ, l-isem u r-reputazzjoni tal-avukat, l-urġenza tal-kwistjoni, ir-riżultat tal-kawża, eċċ.). Madankollu, l-avukati fil-Belġju huma marbuta b'regoli ta' kondotta professjonali u huma legalment meħtieġa li jistmaw l-ispejjeż b'mod li jkun ġust u moderat (ara hawn fuq).

L-istima tal-ispejjeż tiġi pprovduta fuq bażi purament indikattiva.

## L-ispejjeż fil-Belġju

### L-ispejjeż tal-proċedimenti fil-prim'istanza u fl-appell, u s-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR)

| Studju ta' każ | Proċedimenti fil-prim'istanza | | | Proċedimenti ta' appell | | | Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tariffi inizjali tal-qorti | Tariffi ta' traskrizzjoni | Tariffi oħrajn | Tariffi inizjali tal-qorti | Tariffi ta' traskrizzjoni | Tariffi oħrajn | Din l-għażla hija disponibbli f'dan it-tip ta' kawża? | Tariffi |
| Każ A | EUR 82 | EUR 2.85 għal kull paġna (Digriet Reġju (*arrêté royal*) Nru 64 tat-30 ta' Novembru 1939, Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-1 ta' Diċembru 1939) | | EUR 186 | EUR 2.85 għal kull paġna (Digriet Reġju (*arrêté royal*) Nru 64 tat-30 ta' Novembru 1939, Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-1 ta' Diċembru 1939) | | Ie | |
| Każ B | EUR 82 | EUR 2.85 għal kull paġna (Digriet Reġju Nru 64 tat-30 ta' Novembru 1939, Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-1 ta' Diċembru 1939) | | EUR 186 | EUR 2.85 għal kull paġna (Digriet Reġju Nru 64 tat-30 ta' Novembru 1939, Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-1 ta' Diċembru 1939) | | Ie | |

### Spejjeż tal-avukati, tal-uffiċjali ġudizzjarju (*huissier de justice*) u tax-xhieda esperti (*expert*)

| Studju ta' każ | Avukat | | Uffiċjal ġudizzjarju | | | Xhud espert | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ir-rappreżentanza hija obbligatorja? | Spejjeż medji | Ir-rappreżentanza hija obbligatorja? | Spejjeż ta' qabel is-sentenza | Spejjeż ta' wara s-sentenza | L-użu huwa obbligatorju? | Tariffi |
| Każ A | Ie | madwar EUR 2 500 | Ie | madwar EUR 250 | madwar EUR 250 | Ie | |
| Każ B | Ie | madwar EUR 3 500 | Ie | madwar EUR 350 | madwar EUR 350 | Ie | |

### L-ispejjeż tal-kumpens tax-xhieda (*témoin*), il-ġurament (*serment*) jew garanzija oħra u tariffi

rilevanti oħra

| Studju ta’ każ | Kumpens tax-xhieda | | Il-ġurament jew garanzija oħra | Tariffi oħrajn | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ix-xhieda jiġu kkumpensati? | Spiża | Dan japplika u meta u kif jintuża? | Spiża | Deskrizzjoni | Spiża |
| Każ A | iva | EUR 4.96 | F’kawżi ċivili, bħala regola ġenerali, jista’ jiġi impost obbligu li tiġi pprovduta garanzija meta jinbdew proċedimenti fis-sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 851 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire*). Din hija eċċezzjoni li tapplika għal rikorrenti barranin. Intimat Belġjan jista’ jitlob li r-rikorrent jew l-intervenjent barrani jipprovdi garanzija. L-Artikolu 852 jispeċifika l-forma li tista’ tieħu l-garanzija (somma flus, avall, eċċ.). Ara l-paġna dwar it-trasparenza tal-ispejjeż. | | | |
| Każ B | iva | EUR 4.96 | F’kawżi ċivili, bħala regola ġenerali, jista’ jiġi impost obbligu li tiġi pprovduta garanzija meta jinbdew proċedimenti fis-sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 851 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Din hija eċċezzjoni li tapplika għal rikorrenti barranin. Intimat Belġjan jista’ jitlob li r-rikorrent jew l-intervenjent barrani jipprovdi garanzija. L-Artikolu 852 jispeċifika l-forma li tista’ tieħu l-garanzija (somma flus, avall, eċċ.). Ara l-paġna dwar it-trasparenza tal-ispejjeż. | | | |

## Spejjeż tal-għajnuna legali (*aide juridique*) u rimborżi oħra

Ara t-taqsima “Għajnuna legali” tal-paġna dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti.

## Spejjeż tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni

| Studju ta’ każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | | Spejjeż oħra relatati ma’ tilwim tranżnazzjonali? | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija neċessarja? | Spiża approssimattiva? | Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija neċessarja? | Spiża approssimattiva? | Deskrizzjoni | Spiża approssimattiva? | |
| Każ A | meta d-dokumenti jkunu meħtieġa għall-proċedimenti | bejn EUR 7.57 u EUR 34.48 għal kull paġna | meta l-intimat ma jkunx jifhem il-lingwa tal-proċedimenti | bejn EUR 31.61 u EUR 54.62 fis-siegħa | | |
| Każ B | meta d-dokumenti jkunu meħtieġa għall-proċedimenti | bejn EUR 7.57 u EUR 34.48 għal kull paġna | meta l-intimat ma jkunx jifhem il-lingwa tal-proċedimenti | bejn EUR 31.61 u EUR 54.62 fis-siegħa | l-ispejjeż tad-dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà | madwar EUR 100 |

L-aħħar aġġornament: 01/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.